TAL-PIETA`

# MINUTI

## Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 03

L-Erbgha, 4 ta' Settembru, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta` fil-5.00 p.m.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku Stefano Savo, il-Vici Sindku Saviour Azzopardi, u l-Kunsillieri Colin Bowman, Charles Grech u Mark Pisani.

Il-Kunsillier Josef Fitzpatrick informa li kien xoghol u ghalhekk gie skuzat.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

*1.1* Il-minuti tas-Seduta Nru. 02 li saret nhar l-Erbgha, 7 ta' Awwissu, 2024, kienu approvati.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

*2.1* Tressqet quddiem il-Kunsill l-ittra ta' apologija minghand il-Kunsillier Fitzpatrick li informa li kien xoghol.

## 3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

*3.1* Ma kienx hemm hwejjeg li jirrizultaw mill-minuti.

## 4 QUARTERLY FINANCIAL REPORT JAN-JUN 24

*4.1* Tressaq quddiem il-Kunsill il-Quarterly Financial Report ghal perjodu Jan-Jun 24. Is-Segretarju Ezekuttiv ta' spjega ta' dan ir-rapport. Gie nnuttat il-fatt li fuq il-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq il-Kunsill qieghed over budget minhabba l-fatt li issa meta tinqata bozza dawn qed jinbidlu ghal ohrajn LED's liema prezz taghhom huwa hafna aktar gholi.

Gie spjegat ukoll il-fatt li ghal Tipping Fees, il-Kunsill ikollu johrog flus aktar minn kemm id-DLG ikun ghadda lilu ghal dan il-ghan fl-allokazzjoni finanzjarja. Din kienet problema kbira matul is-sena 2023 u se terga' tkun ukoll matul is-sena 2024 izda b'ammont izghar.

Is-Sindku, ssekondat mill-Vici Sindku, ppropona li dan id-dokument jigi approvat. (Appendici A) Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport.

## 5 KORRISPONDENZA

*5.1* Project Green baghtu risposta lill-Kunsill li f'dan l-istadju ma jistghax isir tibdil fil-progett tal-bandli. Madankollu huma lesti jiltaqghu mal-Kunsill sabiex jispjegaw fid-dettall dan il-progett lill-Kunsill.

## 6 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

*6.1* ***Jum Tal-Pieta`***: Is-Sindku informa li fis-6.30pm ser ikun hemm il-Quddiesa u wara ghat-8.15 jibda l-kuncert. Huwa qal ukoll li skond il-poll li saret, l-aktar voti li gabet kienet is-Sinjura Mary Polidano. Ghalhekk kien hemm qbil li Gieh Tal-Pieta` ghandu jinghata lis-Sinjura Mary Polidano.

***6.2*** ***Laqgha Public Works***: Is-Sindku informa li waqt laqgha mal-Kunsilli Lokali, il-Public Works taw informazzjoni dwar skema biex il-Kunsilli Lokali jirrangaw affarijiet fil-lokal taghhom jew biex jaghmlu xi progett. Is-Sindku ssugerixxa li b'din l-iskema ghandhom isiru xoghlijiet fi Sqaq Nru.1. ll-Kunsilli gew infurmati li s-servizz ta' perit irid isir mill-Kunsilli Lokali. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

***6.3*** ***Sezzjoni ta' informazzjoni***: Is-Sindku informa li l-Kunsill Regjonali Lvant ser ikun qiegħed jorganizza sezzjoni ta' informazzjoni bl-isem ta' "Insight into the Region: Empowering Local Councils". Din ser tinżamm nhar il-Ħamis, 3 t'Ottubru 2024, fis-6pm.

## 7 MISTOQSIJIET

*7.1* Il-Kunsillier Grech staqsa kienx hemm zvilupp dwar l-*issue* tal-club tal-bocci ta' Tal-Pieta`. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien baghat e mail lill-Federation tal-Bocci izda kien ghadu bla twegiba. Informa li kien se jibghat reminders dwar dan.

*7.2* Il-Kunsillier Grech qal li kien ressaq talba ghal permess minn TM sabiex isiru zewg parkeggi bojod flok hodor fi Triq id-Duluri 'l isfel minn Triq Patri Vincenz Portelli. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li din ghadha pendenti ghand TM.

*7.3*` Il-Kunsillier Grech staqsa x sar mill-parking bays tal-genb tal-ground li tidhol ghalihom minn Triq Joe Gasan. Is-Sindku wiegeb li mhux qed ikun hemm dejjem l-istess karozzi pparkjati u ma jaqbilx li dawn jitnehhew minhabba li jitnaqqsu zewg parkeggi ohra.

*7.4* Il-Kunsillier Grech qal li hemm gutters ta' djar privati go Triq id-Duluri bejn Triq Santa Monika u Triq San Guzepp u li dawn mhux qeghdin fi stat tajjeb u huma ta' periklu ghal min ikun ghaddej minn fuq il-bankini. Kien hemm qbil li tingibed l-attenzjoni tas-sidien sabiex jirrangaw dawn il-gutters.

*7.5* Il-Kunsillier Grech qal li hemm zewg sigriet kbar f'parapetti tan-nies, fil-Housing Estate u li ghandhom bzonn jinzabru.

*7.6* Il-Kunsillier Grech semma il-Car Park tal-isptar San Luqa. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li email minghand is-Segretarjat tal-Ministeru tas-Sahha ikkonfermat dak li ntqal diga lis-Sindku u cioe` li l-car park se jibqa' tal-isptar.

*7.7* Il-Kunsillier Grech talab li l-haddiema tal-Community Work inaddfu l-parking ta' hdejn il-PBS u titnehha wkoll il-kaxxa tal-parker li ilha hemm snin.

*7.8* Il-Vici Sindku qal li hemm bzonn jizdied l-*enforcement* b'mod generali.

## 8 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

***8.1*** Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 02. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

## 9. TMIEM

***9.1*** Fis-7.00pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 2 ta' Ottubru, 2024, fil-5.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Stefano Savo
Sindku